MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 6/2003

**Avviz numru 6/03DM**

**Kosmipharma Imports Limited**

**Vs**

**Emmanuel Spagnol**

**Il-Qorti,**
Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma elfejn hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm2510) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ta' sapun u kimika mibjugha u konsenjata lill-konvenut, fuq ordni tieghu stess.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Huwa minnu li l-konvenut ordna minghand is-socjeta' attrici l-merkanzija tal-valur fatturat, izda l-merkanzija li giet effettivament ikkonsenjata ma kenitx ta' l-istess kwalita' pattwita, kif ser jirrizulta mill-provi;
2. Meta lmenta dwar dan mar-rapprezentanti tas-socjeta' attrici, huwa gie assigurat illi l-ordni tieghu kienet ser tigi trattata fuq bazi ta' consignment, fis-sens illi l-konvenut ihallas ta' dak li jbiegh, mentri dak li ma jbieghx jirritornah u jigi skambjat b'merkanzija ohra ;
3. L-eccipjent interpellat ghall-hlas fit-30 ta' Jannar, 2001 rega' fakkar b'dan lis-socjeta' attrici, u avzahom illi jekk ma jaccettawx lura l-merkanzjia, u jinsistu ghall-hlas, huwa kien dispost li jiddeposita tali merkanzija taht l-awtorita' tal-Qorti; minn dakinhar sad-data tan-notifika ta' l-avviz fl-ismijiet prezenti huwa ma regghax gie nterpellat legalment ghall-hlas, u qieghed ghaldaqstant kontestwalment mal-presenti jiddeposita tali merkanzija taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tallum fejn jirrizulta illi la l-atturi u l-anqas id-difensur taghhom ma dehru, izda deher biss id-difensur tal-konvenut li talab li jigi liberat mill-osservanzi tal-gudizzju.

Ghaldaqstant billi l-Qorti kkonstatat illi la l-attur u lanqas id-difensur tieghu msejjhin ma dehrux, u wara li rat l-Artiklu 199(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------